**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, dsatax (19) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 1612/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Jan Christoffer Oskarsson**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Jan Christoffer Oskarsson**, imwieled Svezja fit-tletin (30) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u residenti 4, Triq iż-Żenqa, Naxxar, Malta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 342287(A) talli nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' tmienja (20:00hrs) u t-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs)

ġewwa Triq D'Argens, Msida, Malta waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura LDM 328:

(1) saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;[1]

(2) waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, mar kontra s-sinjal tat-traffiku;[2]

(3) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;[3]

(4) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mil-limitu preskritt[4].

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Reg. 2 Taqsima II A (c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05.
[3] Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 15B(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti: nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2024 uffiċjali ta' Transport Malta kienu għaddejjin minn Rue d'Argens, l-Imsida u innuttaw vettura tal-marka Peugoet bin-numru tar-reġistrazzjoni LDM 328 għaddejja kontra d-direzzjoni tat-traffiku. L-uffiċjali ippruvaw iwaqqfu lis-sewwieq iżda dan ma tahx kashom mill-ewwel. Irnexxielhom iwaqqfuh biss mat-tielet tentattiv li huma għamlu. Ix-xufier deher li ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel u telaq il-vettura fin-nofs. Kien għalhekk li l-uffiċjali ta' Transport Malta talbu l-assistenza tal-Pulizija li waslu fuq il-post ftit tal-ħin wara. Ix-xufier ġie identifikat bħala Jan Christoph Oskarrson.

Il-Pulizija skortaw lix-xufier lejn l-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema. Hemmhekk wara li ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu, huwa ġie mitlub li jagħmel breathalyser test minn fejn irriżulta li l-livell tal-alkoħol tiegħu kien ta' mija u tlieta u erbgħin milligrammi (143mg). Ix-xufier ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu dwar dan.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 9</u>**

Fl-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat saq il-vettura b'mod traskurat. Sewqan traskurat (*negligent driving*) ġie

definit fil-ġurisprudenza tagħna bħala kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat.[5]

Mill-provi prodotti mhux kontestat li l-akkużat kienet qiegħed isuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u effettivament huwa baqa' nieżel tul Rue d'Argens fid-direzzjoni tax-Xatt tal-Imsida meta tali manuvra ma kinitx konsentita. Id-difiża tirrikonoxxi li kien hemm dan in-nuqqas da parti tal-akkużat. Isostni pero li l-Prosekuzzjoni kellha biss takkużah li huwa wettaq din l-infrazzjoni u mhux wkoll li kien qed isuq b'mod traskurat.

Huwa minnu li mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku għandha titqies li tikkostitwixxi jew li tammonta għal sewqan traskurat. Wieħed irid jeżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex jistabilxxi jekk tabilħaqq kienx hemm sewqan traskurat.

Minn eżami tax-xhieda tal-uffiċjali ta' Transport Malta li kienu huma li raw lill-akkużat isuq kontra l-linja, **<u>jirriżulta li l-akkużat ma kienx moħħu hemm fis-sewqan tiegħu u ma kienx konxju ta' dak li qed jiġri</u>**

[5] Definizzjoni meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deċiża fis-6 ta' Mejju 1997.

**madwaru**. Dan għaliex kif xehed EO 285 Christopher Zammit huma għamlu tlett (3) tentattivi biex iwaqqfuh u kien biss mat-tielet tentattiv li huwa waqaf. Fl-ewwel żewġ tenattivi l-akkużat ma tax kas tal-uffiċjali ta' Transport Malta. EO 285 kompla jgħid wkoll li huma kienu waqqfuh għaliex kien jidher li ma kienx jaf x'qed jagħmel:

> EO 295 Christopher Zammit: *"Waqqafnieh. Is-sinjur ma tax qisu kasna mal-ewwel darba, erġajna nipprovaw inwaqqfuh u rnexxielna nwaqqfuh mat-tielet darba. Jiġifieri dan il-persuna meta imbagħad pruvajna inwaqqfuh. Waqqafnieh qisu ma kienx jaf x'qed jagħmel."*[6]

Minn dak li xehed wkoll l-uffiċċjal l-ieħor ta' Transport Malta EO 223 Charlo Borg, iż-żewġ uffiċċjali kienu ġejjin bil-vettura tagħhom min-naħa opposta li kien qed isuq fiha l-akkużat u għalhekk ma jistax jkun li l-akkużat ma rahomx mill-ewwel. Il-fatt li għalhekk l-uffiċjali ta' Transport Malta kellhom jagħmlu tlett (3) tentattivi biex iwaqqfu lill-akkużat milli jkomplu jsuq meta dawn kienu ġejjin eżattament mill-faċċata tiegħu jikkonferma kemm l-akkużat ma kienx moħħu hemm fis-sewqan tiegħu. Kieku kien moħħu hemm, mal-ewwel sinjal tal-uffiċjali ta' Transport Malta huwa kien jieqaf mill-ewwel. Il-prudenza fis-sewqan tirrikjedi li wieħed ikun il-ħin kollu konxju ta' dak li jkun qiegħed jiġri fit-triq li

[6] Xhieda mogħtija fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' April 2024.

minnha huwa jkun għaddej. L-akkużat ma jidhirx li kellu din il-konoxxenza: kemm għaliex huwa baqa' nieżel kontra l-linja u aktar u aktar għaliex naqas li jara l-ovvju u ċioe lill-uffiċjali ta' Transport Malta li kienu ġejjin mill-faċċata tiegħu u li għamlulu kemm -il sinjal biex jieqaf qabel rnexxielhom iwaqqfuh. L-ewwel akkuża għalhekk ġiet ippruvata.

- **<u>It-Tieni Akkuża –Reg 2 Taqsima II A (c) tal-L.S. 65.05</u>**

Kif ġia ġie rilevat kemm mill-provi sottomessi kif wkoll mis-sottomissjonijiet tad-difiża, din l-akkuża tirriżulta wkoll. Għall-fini ta' piena pero, il-Qorti sejra tikkunsidra din l-akkuża bħala kompriża u involuta fl-ewwel akkuża. Dan għaliex kif ġia sottolineat is-sewqan traskurat li tiegħu l-akkużat sejjer jinstab ħati jinkorpora fih wkoll in-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

- **<u>It-Tielet u r-Raba' Akkużi – Artikoli 15A(1) u 15B(1) tal-Kap. 65</u>**

Għar-rigward dawn iż-żewġ akkużi d-difiża tqajjem żewġ eċċezzjonijiet prinċipali:

(a) li l-affidavits tal-Pulizija esebiti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-artikolu 7 tal-Kap. 79, senjatament li ma ġiex indikat il-lok fejn ingħata l-ġurament; u

(b) li ma ġiex pruvat li l-akkużat effettivament ingħata t-twissija mill-Pulizija li jekk huwa jirrifjuta li joqgħod għall-breathalyser dan minnu inniffsu huwa reat.

Il-Qorti sejra għalhekk tqis l-ewwel dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qabel ma tgħaddi għall-mertu tat-tielet u r-raba' akkuża. Dan għaliex jekk tintlaqa' xi waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet dawn sejrin jinċidu b'mod dirett fuq it-tielet u r-raba' akkuża.

L-ewwel eċċezzjoni tikkonċerna l-fatt li fl-affidavits tal-Pulizija ma ġiex indikat il-lok ta' fejn ingħata l-ġurament. L-artikolu 360A tal-Kap. 9 jagħti l-possibilita lill-Prosekuzzjoni li hija tippreżenta affidavits ta' uffiċjali tal-Pulizija minflok ma' dawn joqogħdu jitilgħu jixhdu *di persona* waqt proċeduri sommarji quddiem din il-Qorti. Il-ġurament lill-uffiċjal tal-Pulizija normalment jingħata minn uffiċjal tal-Pulizija li jkun wkoll Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti nominat fit-termini tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta, ***l-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament***.

L-artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:

> *"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza* ***<u>għandu jiddikjara sewwa</u>*** *fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-*

*ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:"* (Enfażi tal-Qorti)

Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur juża l-kelma *"għandu jiddikjara"* u jikkwalifikaha wkoll bil-kelma *"sewwa"*. Il-leġislatur ma jużax il-kelma "jista'", fl-liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi indikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil-verżjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa: "*shall state truly*", li wkoll jindika obbligu tassattiv. **<u>Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issoministra l-ġurament lix-xhud</u>**.

Fil-każ in eżami il-Qorti tinnota li fiż-żewġ affidavits tal-Pulizija li ġew prodotti, il-lok fejn ingħata l-ġurament ma ġiex indikat. Għalkemm fl-istess affidavits hemm spazju fejn għandu jitniżżel il-lok fejn ittieħed il-ġurament, il-lok għal xi raġuni jew oħra baqa' ma ġiex indikat. Hemm biss timbru li jindika l-isem tal-persuna li ta l-ġurament u d-data meta ittieħed il-ġurament mingħajr l-ebda indikazzjoni tal-lok.

Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l-proċedura tiġi segwita *ad unguem* biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-akkużat, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejja għal tali nuqqas. Għalkemm huwa possibbli li dan il-ġurament ittieħed fl-Għassa tal-Pulizija tas-Sliema peress li kemm PS 186 Kristian Mintoff kif wkoll PC 1159 Owen Sghendo huma

stazzjonati l-Għassa tas-Sliema, din tibqa' biss assunzjoni magħmula mill-Qorti li ma ssibx komfort fl-atti. Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti. Mill-atti l-lok fejn ittieħed il-ġurament ma irriżultax. Għall-Qorti dawn huma żbalji ovvji li ma jridux xi sforz partikolari sabiex jiġu evitati. Il-Qorti tippretendi li Kummissarji tal-Ġustizzja jkunu konxji tal-obbligi tagħhom hekk kif joħorġu mill-Kap. 79 u li jaraw li josservaw l-istess.

La darba wieħed mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih l-affidavit huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tqis li l-affidavits ta' PC 1159 Owen Sghendo u PS 186 Kristian Mintoff saru validament skont kif tistabilixxi l-liġi fil-Kap. 79 u għalhekk mhux sejra tikkunsidrahom bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri. Dan ifisser għalhekk li fl-atti ma jibqa' l-ebda prova konċernanti it-tielet u r-raba' akkuża u fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti sejra tkun kostretta li tillibera lill-akkużat minn dawn l-akkużi.

Fid-dawl wkoll ta' din il-konklużjoni li qed tasal għaliha l-Qorti jkun inutili li hija tinoltra ruħha fit-tieni eċċezzjoni sollevata mid-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha għall-każ.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuża u għalhekk qed tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif wkoll ir-Regolament 2 Taqsima II A (c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 qed issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża dedotti fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€ 250). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' ħmistax (15) -il ġurnata mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**